

- 2) Skype Ultd u Sky International AG għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom u kull waħda minnhom għandha tbatu nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

(¹) ĠU C 46, 9.2.2015.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Jannar 2016 – Permapore vs UASI – José Joaquim Oliveira II – Jardins & Afins (Terraway)

(Kawża T-277/15) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Terraway — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti TERRAWAY — Ċaħda parzjali tal-oppożizzjoni — Nuqqas ta’ osservanza tal-obbligu ta’ ħlas tal-ispejjeż tal-appell fit-terminu — Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li tiddikjara li l-appell huwa meqjus li ma għiex ippreżentat — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)

(2016/C 106/40)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Permapore Ltd (Nenagh, l-Irlanda) (rappreżentant: J. Sales, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: José Joaquim Oliveira II – Jardins & Afins Lda (Grijó, il-Portugall) (rappreżentanti: M. Oehen Mendes, R. Duarte Morais, M. Ribeiro da Fonseca u S. Luís Dias, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-5 ta' Marzu 2015 (Każ R 2496/2014-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn José Joaquim Oliveira II – Jardins & Afins Lda u Permapore Ltd.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Permapore għandha tbatu l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill- Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).
- 3) José Joaquim Oliveira II – Jardins & Afins Lda għandha tbatu l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 245, 27.7.2015.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2015 – Voigt vs Il-Parlament

(Kawża T-618/15)

(2016/C 106/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Udo Voigt (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Richter, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew